



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 11/25

Il-Lussemburgu, 4 ta' Frar 2025

Digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-632/24 P-R | Il-Kummissjoni vs Courtois *et*

### L-obbligu tal-Kummissjoni li tiżvela l-identità tal-membri tat-tim tan-negozjati għax-xiri antiċipat ta' vaċċini kontra l-Covid-19 huwa sospiż provviżorjament, sakemm tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2020 u l-2021, il-Kummissjoni Ewropea nneġġjat u kkonkludiet kuntratti ta' xiri ta' vaċċini kontra l-Covid-19. Fl-2021, individwi talbu lill-Kummissjoni l-aċċess għal dokumenti li jikkonċernaw dan ix-xiri, iżda kisbu biss aċċess parzjali. Peress li invokaw in-neċessità ta' trasparenza fin-negozjati mal-manifatturi tal-vaċċini, huma ppreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Hija laqgħet parzjalment ir-rikors tagħhom <sup>1</sup>, għal dak li jirrigwarda b'mod partikolari r-rifjut tal-Kummissjoni, ibbażat fuq il-protezzjoni tal-ħajja privata, li tiżvela l-identità tal-firmatarji tad-dikjarazzjonijiet ta' assenza ta' kunflitt ta' interessi, li kienu l-membri tat-tim tan-negozjati. Verżjoni anonimizzata ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kienet intbagħtet lill-persuni li ressqu t-talba.

Il-Kummissjoni ppreżentat appell intiż għall-annullament ta' din is-sentenza. Peress li din il-proċedura ma għandhiex effett sospensiv <sup>2</sup>, il-Kummissjoni ressqet b'mod parallel talba għal miżuri provviżorji sabiex tikseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali għal dak li jirrigwarda l-iżvelar ta' din id-data.

Fil-kwalità tiegħu ta' Mħallef għal miżuri provviżorji, il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja **jilqa'** t-talba tal-Kummissjoni, fl-istennija tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ser tingħata fuq il-mertu, peress li l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-għoti ta' miżuri provviżorji fil-proċeduri għal miżuri provviżorji huma meqjusa ssodisfatti. Fil-fatt, il-kawża tqajjem kwistjonijiet legali li ma humiex, *prima facie*, irrilevanti. L-urġenza hija stabbilita wkoll peress li l-iżvelar tal-identità tal-membri tat-tim tan-negozjati jidher li jista', bi grad ta' probabbiltà **suffiċjenti għall-finijiet tal-proċeduri għal miżuri provviżorji**, jikkawża lill-persuni kkonċernati dannu gravi u irreparabbli. Barra minn hekk, jekk is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni mitluba mill-Kummissjoni tiġi rrifjutata, l-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja **jitlef ħafna mill-interess tiegħu** fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx tirrifjuta l-aċċess għal din id-data, peress li din kienet tkun diġà ġiet żvelata b'mod irriversibbli. Fl-aħħar nett, f'dan il-kuntest, **l-ibbilanċjar tal-interessi** jxaqleb favur is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata mitluba mill-Kummissjoni.

Is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-obbligu li jingħata aċċess iktar wiesa' għad-dikjarazzjonijiet ta' assenza ta' kunflitt ta' interessi hija ordnata **sakemm tingħata s-sentenza** li ttemm il-proċedura ta' appell.

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja ser tagħti s-sentenza definittiva tagħha dwar il-mertu ta' din il-kawża f'data iktar 'il quddiem. Digriet rigward miżuri provviżorji ma jippreġudikax l-eżitu tal-kawża prinċipali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tad-digriet jinsab fis-sit CURIA.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2024, *Courtois et vs Il-Kummissjoni*, [T-761/21](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [113/24](#)).

<sup>2</sup> Skont l-Artikolu 266 TFUE, il-Kummissjoni hija meħtieġa tiegħu l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata. F'dan il-każ, din l-istituzzjoni tkun obbligata tiżvela lill-persuni li ressqu t-talba l-identità tal-persuni li ffirmaw id-dikjarazzjonijiet ta' assenza ta' kunflitt ta' interess, li kienu l-membri tat-tim tan-negozjati. Din hija r-raġuni għalfejn hija tixtieq tikseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza.